**Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)**
**Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Maġistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

Illum, 11 ta' Diċembru, 2024

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jean Paul Attard)**
**-vs-**
**Clive Schembri detentur tal-karta tal-identità 0350193M,**

*Kumpilazzjoni Nru.404/2022*

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat **Clive Schembri** u ċioe talli:

Fil-lejl ta' bejn is-sitta (06) u s-sebgħa (07) ta' Ġunju 2022 għall-ħabta ta' nofsillejl u kwart (0015hrs) u/jew fil-ħinijiet ta' qabel, fi Triq Gort, San Ġiljan u/jew l-inħawi tal-madwar:-

1. Mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed l-ħajja ta' **Kevin Attard** f'periklu ċar, ikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa tiegħu, liema ġrieħi huma ta' natura gravi skond kif iċċertifikat min Dr. Clayton J. Fsadni (MD: 4026) miċ-ċentru tas-saħħa tal-Furjana u Dr. Nicholas Christian Vella (MD: 4297) mill-Isptar Mater Dei;

2. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi nsulenta, hedded jew inġurja bi kliem jew b'mod ieħor lil **Kevin Attard u Josianne Borġ**;

3. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi ħebb kontra **Kevin Attard** sabiex jinġurjah, idejjqu jew jagħamillu l-ħsara;

4. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi volontarjament ksirt l-bon ordni jew il-paċi pubblika b'għajjat u storbju.

> Din l-Onorabbli Qorti hija ġentilment mitluba toħroġ Ordni ta' Protezzjoni kontra l-akkużati sabiex tipprovdi għas-sigurtà ta' **Kevin Attard** u **Josianne Borġ**, jew għaż-żamma tal-ordni pubblika, jew għall-iskop ta' protezzjoni tal-persuna leża jew ta' individwi oħra minn fastidju jew imġiba oħra li tikkaġuna biża' ta' vjolenza, u dan *ai termini* tal-Artikolu 412Ċ tal-Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat li waqt l-udjenza miżmuma llum, l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 392A(1) tal-Kodiċi Kriminali kif reż applikabbli bl-artikolu 370(6) tal-Kodiċi Kriminali w ċioè wara li l-imputat wieġeb li hu ħati għall-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-tweġiba w hi ngħata żmien xieraq sabiex jekk ried jerġa lura minnha u dan anke billi ikkonsulta mal-legali tiegħu hekk kif il-kawża ġiet posposta għal dan l-iskop.

Semgħet ix-xhieda.

Semgħet is-sottomissjonijiet magħmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiża dwar il-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu, u għaldaqstant, fuq l-ammissjoni volontarja w inkondizjonata tiegħu, il-Qorti tiddikjara li m'għandhiex triq oħra salv li ssib lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu kif minnu ammessi.

**Il-Piena**

Dwar il-piena l-Qorti ħadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni tal-imputat, tas-*social enquiry report*, l-fatt li wera kooperazzjoni mal-awtoritajiet investigattivi, tal-fedina penali tiegħu li ma toħloq l-ebda preokkupazzjoni għal Qorti w taċ-ċirkostanzi l-oħra tal-każ fejn senjatament Schembri wera dispjaċir għal dak li kien seħħ.

Ittieħed kont li bejn l-ewwel u t-tielet imputazzjoni japplika l-prinċipju tal-konkors formali ta' reati fejn il-piena l-aktar gravi hi dik kontemplata bl-

imputazzjoni numru wieħed, u ċioe dik kontemplata bl-artikolu 216 tal-Kodiċi Kriminali.

**Decide**

Għal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-artikoli 17(b), 18, 31, 214, 215, 216(1)(b), 338(dd) u 339(1)(d) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, issib lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet kollha, tikkundannah għal **sena (1) priġunerija** li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali qed tiġi sospiża għal zmien sentejn (2) millum.

Inoltre ai termini tal-artikolu 28G tal-Kodiċi Kriminali qed tpoggi lill-imputat taħt Ordni ta' Supervizjoni għal zmien sentejn (2) millum.

A tenur tal-artikolu 412D tal-Kodiċi Kriminali l-Qorti qed tpoġġi l-imputat taħt Ordni ta' Trattament għal zmien tlett (3) snin sabiex jingħata l-għajnuna kollha meħtieġa kemm psikjatrika kif ukoll psikoloġika li jinħtieġ.

Inoltre a tenur tal-artikolu 382A tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qegħda toħroġ Ordni tat-Trażżin fil-konfront tal-imputat a favur ta' Kevin Attard u Josianne Borg għal żmien tlett snin millum.

Il-Qorti spjegat lill-ħati l-konsegwenzi jekk jikkommetti reat ieħor waqt il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza jew jekk jonqos li joqgħod ghal dawk l-ordnijiet li ser jinghatwlu mill-Uffiċjal tal-Probation jew in ottemperanza mal-Ordni ta' Trattament.

Finalment ai termini tal-artikolu 392A(2) tal-Kodiċi Kriminali, tordna li fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata ta' dawn l-atti, flimkien ma' aċċess għal kopja skenjata ta' din is-sentenza.

Tordna li kopja ta' din is-sentenza għandha tintbagħat ukoll lid-Direttur tal-Probation u Parole skond il-ligi.

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Maġistrat**